# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 291/2007/1 AL**

**Jason Calleja**

**v.**

**Carmela sive Charmaine Calleja**

1. B'rikors preżentat fit-23 ta' Diċembru 2019 l-attur appella minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-12 ta' Diċembru 2019 li titratta dwar il-firda tal-partijiet.

2. Il-kawża nbdiet permezz ta' rikors maħluf preżentat fit-13 ta' Lulju 2007:

*"1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Mejju tas-sena 2001 u minn dan iz-zwieg ma' twieldu l-ebda tfal.*

*2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba mohqrija, eccessi, sevizzi u sahansitra vjolenza fizika kontra r-rikorrent;*

*3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Jannar 2007 u r-rikorrent m'ghandux access ghad-dar matrimonjali stante illi l-intimata bidlet is-serratura;*

*4. Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta' medjazzjoni izda din il-medjazzjoni ma tatx frott;*

*5. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata minn din l-Qorti permezz tad-digriet numru 1126/07 sabiex tintavola dawn il-proceduri;*

*Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

*1.Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata peress li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet tal-intimata, kif ser jigi ppruvat waqt it-trazzjoni ta' dina l-kawza;*

*2.Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet mhux bil-fors indaqs.*

*3. Tapplika kontra l-intimata s-sanzjonijiet kontemplati u elenkati fl-artikolu 56 tal-Kodici Civili, fejn applikabbli.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

3. Rat illi permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fl-10 ta' Settembru 2007[1] il-konvenuta wieġbet:

*"1. Illi l-htija tat-tkissir taz-zwieg hija unikament imputabbli fil-konfront tar-rikorrenti Jason Calleja, u ma hijiex imputabbli fil-konfront tal-eccipjenti, ghaldaqstant l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom ikunu sopportati unikament mir-rikorrenti.*

[1] Fol. 14 et seq.

*2. Illi l-esponenti ilha vittma ta' vjolenza psikologika minhabba l-agir tar-rikorrenti, da parti taghha ghamlet diversi tentattivi sabiex issalva z-zwieg taghha, biss kien kollu ta' xejn minhabba l-inadempjenza da parti tar-rikorrenti.*

*3. Illi inoltre, fil-kaz odjern, ma humiex applikabbli s-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-konfront tal-eccipjenti, u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Salv eccezzjojnijiet ohra jekk ikun il-kaz.'*

4. Rat illi b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża billi:

*"1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba billi tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, iżda t-tort huwa imputabbli b'mod ugwali bejn il-partijiet.*

*2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti bil-mod hawn fuq indikat.*

*3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tapplika kontra l-intimata s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Bl-ispejjeż jitħallsu bejn il-partijiet b'mod ugwali."*

5. Rat illi minn din is-sentenza appella l-attur li ddikjara ruħu aggravat:

i. illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament manifestament ħażin tal-provi;

ii. mill-mod kif ġiet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti; u

iii. dwar in-nuqqas ta' kjarezza fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili li skont il-Qorti tal-ewwel istanza għandhom jiġu applikati kontra l-konvenuta.

Konsiderazzjonijiet

6. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta minn apprezzament manifestament ħażin tal-provi b'konsegwenzi żbaljati fuq l-attribuzzjoni tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ. Talab lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tibdel il-parti tal-ewwel kap tas-sentenza relattiva għall-ħtija fis-sens li tiddikjara li l-firda ġrat tort tal-appellata biss.

7. Dwar l-attribuzzjoni tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti tal-ewwel istanza għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Illi jirriżulta mill-provi li l-intimata kienet afflitta minn dipressjoni, tant li kienet iġġib il-pilloli b'xejn mill-isptar u l-intimata qalet fix-xiehda tagħha li ma kintix tieħu il-pilloli għax iħaxxnu. Ir-rikorrent isostni li dawn kienu kollha xeni da parti tal-intimata biex ma taħdimx u tieħu l-benefiċċju soċjali. Min-naħa l-oħra, l-intimata tikkontendi li kien l-istess rikorrent li kkaġunalha l-mard mentali. Jiġi osservat, fl-ewwel lok, li ma xehed l-ebda psikologu jew psikjatra dwar il-kundizzjoni tal-intimata. Lanqas ma jirriżulta mill-assjem tal-provi jekk l-intimata kinitx tbagħti minn din il-kundizzjoni sa minn qabel iż-żwieġ. Illi huwa inġust da parti tar-rikorrent li igħid li din il-kundizzjoni li setgħet sofriet minnha l-intimata kienet biss messa in xena u huwa inġust ukoll li l-intimata tgħid li l-kaġun ewlieni għall-kundizzjoni tagħha kien proprju l-aġir ta' zewġha, u għaliex dan ma jirriżultax mill-provi.*
>
> *Jirriżulta wkoll mill-provi mressqa, li l-kontendenti t-tnejn iwaħħlu u jippuntaw sebgħhom lejn xulxin, it-tnejn jakkużaw lil xulxin b'diversi atti deplorabbli. Ir-rikorrent isemmi episodju fejn martu kienet ħarġet sikkina u mbagħad ikkalmat u bdiet tibki iżda ma jelabora xejn aktar fix-xiehda tiegħu dwar vjolenza fil-konfront tiegħu. Madankollu, jirriżulta wkoll mill-provi u mix-xiehda, li l-Pulizija ġew diversi drabi id-dar fejn*

*kienu jirrisjedu l-kontendenti minħabba theddid, minaċċi u għajjat, fejn ir-rikorrent kien anke jistieden lil missier l-intimata għall-ġlied. Iżda jiġi nnutat, li għalkemm imsemmi fix-xiehda li l-intimata kienet tagħmel ir-rapporti lill-Pulizija, dawn ma ġewx esebiti fl-atti. Episodju li jidher ikkonfermat kemm mill-avukat difensur tal-intimata, u kif ukoll mir-rikorrent stess, kien dak ta' meta kellhom il-Qorti, fejn kien hemm aggressjoni da parti tar-rikorrent fil-konfront tal-intimata, u l-intimata spiccat l-isptar għal testijiet minħabba din l-aggressjoni; il-partijiet kienu anke dehru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar din l-agressjoni li seħħet fil-Bini tal-Qorti.*

*Għalhekk rigward l-allegazzjoni ta' eċċessi u l-moħqrija allegati mir-rikorrent, il-Qorti rat li dawn ma ġewx sostanzjati mill-provi. Iżda għall-kuntrarju, jirriżulta mill-provi li kien hemm ċertament inċident wieħed ta' aggressjoni mir-rikorrent fil-konfront tal-intimata, dak li seħħ fil-bini tal-Qorti. Illi pero kif ittenni l-ġurisprudenza nostrana, każ wieħed iżolat mhuwiex biżżejjed sabiex jiġi ppruvat il-kawżali tal-moħqrija u tal-eċċessi sal-grad li trid il-liġi ...*

*Effetivament, l-intimat fl-eċċezzjonijiet tagħha ma semmietx vjolenza fiżika iżda vjolenza psikoloġika. Iżda, minn eżami tal-provi, jidher li ż-żewġ partijiet kellhom karattru litiġjuż li rrenda l-ħajja konjugali impossibli, fejn spiss kien ikun hemm argumenti bejn il-partijiet. L-intimata tilmenta wkoll mix-xeħħa ta' żewġha fis-sens illi hija kienet trid toqgħod titolbu l-flus u hu ma kienx iħallilha flus suffiċjenti ... Madankollu, fil-każ in eżami, anke jekk mhuwiex ippruvat kemm kien jaghtiha flus ir-rikorrent, ma jidhirx li r-rikorrent kien xħiħ mal-intimata sal-grad rikjest mill-liġi sabiex dan jista' jipprova li l-attur kien ħati ta' eċċessi. Il-Qorti ikkunsidrat, li għalkemm l-intimata ma kinitx taħdem regolarment u għalhekk ma kellhiex paga tagħha, hija kienet xorta tgħix, issajjar l-ikel ta' kuljum u tagħmel xagħarha. Għalhekk il-Qorti ma ssibx lir-rikorrent ħati ta' eċċessi fil-konfront ta' martu f'dan ir-rigward.*

*Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tiddikjara li hemm lok għal pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li ż-żwieġ xorta sfaxxa minħabba d-diverġenzi ta' bejn il-partijiet, u l-partijiet ilhom separati de facto minn Jannar 2007. Dan huwa biżżejjed sabiex jiġi ddikjarat li ż-żwieġ tkisser irremedjabilment skont dak stipulat fl-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, minħabba r-raġunijiet hawn fuq spjegati, l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ qed tiġi attribwita liż-żewġ partijiet b'mod ugwali."*

8. Il-maġġorparti tal-aggravju tal-appellant jikkonsisti f'ripetizzjoni tal-osservazzjonijiet li għamel quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant isostni li għalkemm huwa minnu li ż-żewġ partijiet ippontaw subgħajhom lejn

xulxin, huwa dejjem kien konsistenti u kredibbli u x-xhieda tal-qraba tiegħu ġiet saħansitra korraborata mill-kontro-eżami li sarlu fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2013. Ikompli li minn dik ix-xhieda huwa ċar illi martu qatt ma kienet vittma iżda l-kontra. Jisħaq illi, min-naħa l-oħra, l-allegazzjonijiet tal-appellata ma ġewx ippruvati u anzi jirriżultaw kontradetti mix-xhieda tagħha stess. Dan b'referenza għar-rapporti lill-Pulizija u għall-fatt illi matul il-kawża biddlet allegazzjoni ta' vjolenza psikoloġika għal waħda ta' vjolenza fiżika. Jilmenta għalhekk li t-tort għat-tifrik taż-żwieġ hu esklussivament tal-konvenuta u mhux taż-żewġ partijiet bil-mod ugwali kif iddeċidiet l-ewwel Qorti.

9. Il-Qorti qrat kemm-il darba t-traskrizzjoni tal-kontro-eżami li sar lill-appellant fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2013. Tistqarr li fiha ma ssib xejn li jikkonvinċiha li l-ewwel Qorti kellha temmen biss lilu u tiskarta għal kollox il-verżjoni tal-appellata.

10. Saħansitra mid-deposizzjoni ta' Fr Mario Said a fol. 261 jirriżulta kif l-appellant kien talbu sabiex jitkellem mal-appellata sabiex jikkonvinċiha biex jirranġaw. Din iċ-ċirkostanza fiha nnifisha hi indizju li s-sitwazzjoni ma kinitx daqstant intollerabbli kif ipprova jagħti x'jifhem l-appellant. Dan apparti li għamel akkużi kontra martu li kkommettiet adulterju, u qatt ma ressaq provi konkreti dwar hekk.

11. Wara li l-Qorti qrat l-atti ma tistax tgħid li sabet xi żball fl-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti għal dak li jikkonċerna responsabbilta` għat-tifrik taż-żwieġ. Huwa minnu li l-familjari tal-appellant ikkoraboraw it-teżi tiegħu dwar l-aġir żorr u dispreġġjattiv tal-appellata fil-konfront tiegħu[2] u li in kontro-eżami[3] l-appellata stess ikkonfermat li eventwalment keċċiet lill-appellant mid-dar matrimonjali u mbarrat il-bieb. Iżda dan ma jfissirx li ż-żwieġ tkisser tort ta' martu. Fl-atti hemm verżjonijiet differenti ta' familjari tal-partijiet u l-Qorti ma tistax tasal biex tgħid li hemm xi verżjoni li hi iktar kredibbli mill-oħra. Lanqas l-appellant stess ma għamel xi argumenti konvinċenti li għandhom iwasslu biex il-Qorti tiskarta għal kollox il-verżjoni li tat l-appellata u familjari tagħha. Anzi mill-atti jidher li kull parti kellha n-nuqqasijiet tagħha.

12. Dwar il-ħtijiet imputabbli lill-appellant xehdu bosta familjari tal-appellata li lkoll ikkonfermaw illi ma kienx jitratta lil martu b'mod xieraq u li spiss kien igħajjat u juża kliem dispreġġjattiv fil-konfront tagħha.[4] Saħansitra, l-appellant wasal biex aggredixxa lil martu fil-bini tal-Qorti stess. Verament li dan l-episodju seħħ fil-mori ta' dawn il-proċeduri ta' separazzjoni meta ż-żwieġ bejn il-kontendenti kien diġa` tfarrak

[2] Ara x-xhieda ta' omm l-appellant a fol. 29 u x-xhieda ta' oħtu Josette Calleja a fol. 141
[3] Fol. 245
[4] Ara x-xhieda ta' Charlot Bonnici a fol. 193 – 194; ix-xhieda ta' Josette Bonnici a fol. 194 u x-xhieda ta' missier l-appellata a fol. 266 – 267.

irrimedjabbilment, iżda jagħti lill-Qorti x'tifhem li mhuwiex il-ħaruf li pprova jpinġi li hu. Hemm ukoll episodju, fiż-żmien meta l-appellata kienet bdiet proċeduri ta' separazzjoni għall-ewwel darba, fejn l-appellant kien saħansitra faqa' il-bieb tal-garaxx tad-dar matrimonjali bil-vettura tiegħu.[5]

13. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

14. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni li l-komunjoni tal-akkwisti hija debitriċi fil-konfront tiegħu minħabba diversi benefikati li huwa għamel fid-dar matrimonjali sew qabel kif ukoll wara ż-żwieġ, skont stima tal-Perit Mario Cassar fuq inkarigu tal-Qorti. L-istima tal-Perit Cassar hi €35,112.90 u bażata fuq dak li qal l-appellant.

15. L-appellant argumenta li l-ewwel Qorti ma kellha qatt tiddeċiedi li kull parti għandha żżomm il-kontijiet bankarji ntestati f'isimha għaliex dan ifisser li f'każ illi l-appellata laħqet biegħet l-*ex* dar matrimonjali, is-somma ta' €44,000 li kellhom jinżammu f'kont bankarju f'isimha sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tiegħu għal xogħlijiet ta' benefikati minnu magħmula fil-fond ta' Ħal Għaxaq, jibqgħu proprjeta` tal-konvenuta. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> *"a. Tikkonferma l-konklużjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar, fejn ġie stabbilit illi l-attur għandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' .... €35,112.90 ...; u*

[5] Fol. 187 u 267.

> *b. Tillikwida s-somma ta' ... €35,112.90 favur l-attur kif intqal;*
>
> *c. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur appellant is-somma ta' €35,112.90 kollox kif intqal fuq għar-raġunijiet msemmija."*

16. L-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"<u>Dwar id-Dar Matrimonjali</u>*
>
> *Illi fil-każ in kwistjoni, huwa evidenti mill-provi li l-maisonette, il-fond 23, Mon Amour, Triq Dun Gużepp Demicoli, Ħal Għaxaq, li kienet qed isservi bħala d-dar matrimonjali tal-kontendenti, hija proprjeta parafernali tal-intimata. Dan il-fatt mhuwiex kontraddett mir-rikorrent. Iżda r-rikorrent qed issostni li huwa għamel diversi benefikati fil-fond in kwistjoni, u fil-fatt esebixxa lista sħiħa mmarkata bħala Dok JC1 fejn elenka x-xogħolijiet kollha li huwa wettaq a spejjeż tiegħu. Madankollu, huwa ma ppruvax li għamel dawn l-ispejjeż la b'riċevuti u lanqas b' korroborazzjoni ta' xhieda. Jiġi osservat li fil-mori ta' dan il-kawża, il-partijiet esebew nota konġuntiva (fol 344) fejn ir-rikorrent qabel li m'għandux oġġezzjoni li dan il-fond ma jibqax jissejjaħ bħala d-dar matrimonjali. Minkejja dan, l-intimata tiddikjara li f'kaz li l-imsemmi fond jinbiegħ lil terzi, hija tassigura li mir-rikavat tal-bejgħ tiddepożita l-ammont ta' Ewro 44,000 f'kont bankarju f'isimha, sabiex b'hekk id-drittijiet tar-rikorrent għax-xogħolijiet ta' benefikati mwettqa f'dan il-fond jiġu salvagwardjati.*
>
> *Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tiddikjara li l-fond 23, Mon Amour, Triq Dun Gużepp Demicoli, Ħal Għaxaq m'għandux jitqies aktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet."*

17. Effettivament, permezz ta' nota konġuntiva ppreżentata fit-28 ta' Lulju 2017, filwaqt li l-appellant iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-fond in kwistjoni ma jibqax jissejjaħ bħala d-dar matrimonjali, l-appellata min-naħa tagħha ddikjarat illi:

> "*da parte tagħha tiddikjara u tobbliga ruħha illi f' każ illi l-fond 23, Mon Amour, Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq, tinbiegħ lill-terzi, hija tassigura li mir-rikavat tal-bejħ tiddepożita l-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf ewro (€44,000), f'kont bankarju f'isimha f'wieħed mill-Banek lokali ewlenin, sabiex b' hekk id-drittijiet tal-attur għal xogħlijiet ta' benefikati magħmula minnu fil-fond ta' Ħal Għaxaq fuq imsemmi jkunu salvagwardjati.*"

18. Jirriżulta li din in-nota li tinsab a fol. 344 tal-atti, saret in segwitu għall-mandat ta' inibizzjoni li ppreżenta l-appellant fis-27 ta' Diċembru 2016. L-għan primarju ta' dak il-mandat ġie spjegat hekk mill-appellant waqt seduta li saret fit-12 ta' Jannar 2007 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

> *"r-rikorrent ikollu rasu mistrieħa illi benefikati li jallega li għamel fil-fond 'Mon Amour', Triq Gużeppi Demicoli, Ħal Għaxaq li jappartjeni għall-assi parafernali tal-intimata, jiġu spezzjonati mill-perit, identifikati u stmati, sabiex fil-każ li l-fond jiġi trasferit bi kwalsiasi titolu, ir-rikorrent ma jinkorri ebda' preġudizzju fil-konfront tiegħu."*[6]

19. Dan wara li fit-18 ta' Novembru 2009 l-ewwel Qorti kienet diġa` inkarigat lill-Perit Mario Cassar sabiex issir stima ta' allegati xogħlijiet u benefikati fid-dar matrimonjali li kienet proprjeta` tal-appellata minn qabel iż-żwieġ[7], u liema nkarigu ma sarx fil-kawża.[8] L-inkarigu li wettaq il-Perit Cassar kien dak mogħti lilu fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 304/2016 fl-istess ismijiet.

20. Il-Qorti li quddiemha instema' ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kienet ukoll ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex '*fuq indikazzjoni tar-rikorrent jimmarka u jieħu ritratti ta' dak li, skont ir-rikorrent, huwa benifikati li għamel hu fil-fond in kwistjoni li huwa proprjetà*

---

[6] Fol. 11 tal-atti tal-imsemmi mandat allegat ma' dawn il-proċeduri.
[7] Fol. 146 sa 148.
[8] Fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2013 ġie dikjarat li l-Perit ma setax jespleta l-inkarigu tiegħu, ara fol. 244.

*parafernali tal-intimata ... jistma' dawn l-allegati benefikati fil-valur tagħhom illum...'*

21. Fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2017, wara l-preżentata tar-rapport peritali, l-appellant ċeda dak il-mandat:

> *"billi l-iskop li ntalab il-ħruġ tal-mandat kien sabiex fil-każ li jsir it-trasferiment tal-fond 'Mon Amour', Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq mill-intimata, ir-rikorrent ma jbati ebda preġudizzju dwar it-talba li qed jagħmel quddiem din il-Qorti diversament presjeduti għall-ħlas ta' allegati benefikati fl-istes fond."*

22. Fir-rapport il-Perit Mario Cassar qal:

> *"1) Illi x-xogħlijiet / spejjeż ta' qabel iż-żwieġ jammontaw għal €26,219.7.*
>
> *2) Illi x-xogħlijiet / spejjeż ta' wara ż-żwieġ jammontaw għal €17,786.3.*
>
> *3) Għalhekk l-attur qiegħed jagħmel talba għal €26,219.7 + €8893.15 illi jammontaw għal €35,112.9 bħala spejjeż illi huwa għamel fil-fond parafernali tal-attriċi.*
>
> *NOTA TAL-ESPONENT.*
> *Illi l-esponent jinnota illi xi rċevuti huma kemm fuq l-attur u kemm fuq iż-żewġ partijiet."*

23. L-ammont likwidat mill-Perit Cassar kellu[9] jirrappreżenta l-pretensjoni tal-attur appellant, u xejn aktar. In-nota konġuntiva kienet preżentata sabiex ikunu kawtelati l-pretensjonijiet tal-appellant mingħajr il-ħtieġa ta' mandat ta' inibizzjoni filwaqt li l-appellata tkun tista' tbigħ il-fond. Pero` hu evidenti li l-appellata ma qablitx mal-istima. Tant hu hekk

[9] Skont id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Jannar 2017

li fl-ebda stadju tal-proċediment l-appellata ma ddikjarat li kif jinbiegħ il-fond dak l-ammont għandu jitħallas lill-appellant. Minflok obbligat ruħha li tiddepożita *round figure* superjuri għas-somma stmata mill-Perit Cassar f'kont f'isimha bħala garanzija għall-pretensjoni tal-appellant. Fir-realta` fl-atti ma jirriżultax x'sar f'dak ir-rigward.

24. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant ma kellux jedd għal xi ħlas għaliex *".... huwa ma ppruvax li għamel dawn l-ispejjeż la b'riċevuti u lanqas b'korraborazzjoni ta' xhieda"*.

25. Permezz ta' affidavit ieħor preżentat fit-2 ta' Diċembru 2016[10] l-appellant iddikjara li kien għamel diversi benefikati fil-fond tal-appellata. Igħid li rrispettivament fuq min inħarġu l-irċevuti, huwa ċert x'nefaq għaliex ommu kienet iżżomm *notebook.*[11]

26. Il-Qorti rat id-dokument li jinsab a fol. 339 u tikkonkludi li m'huwiex prova. Fl-ewwel lok ma ġiex konfermat bil-ġurament mill-persuna li suppost kitbet fih. Fit-tieni lok hu ċar li nkiteb f'darba u żgur mhux fuq perjodu ta' snin skont meta kienu qegħdin isiru l-ispejjeż. Dan minkejja li l-appellant ta x'jifhem li kull meta kien qiegħed iħallas spejjeż relatati

[10] Fol. 331.
[11] Fol. 339.

mad-dar, ommu kienet tagħmel notament fl-imsemmi *notebook*. Verżjoni li m'hijiex kredibbli.

27. Il-pretensjonijiet tal-appellant skont l-affidavit huma dawk li jissemmew f'dan il-paragrafu.[12] Għal skop ta' prattiċita` qed titniżżel ukoll informazzjoni dwar l-*invoice* relattiva, fejn din ġiet preżentata, u l-istima tal-Perit Cassar li ippreżenta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 304/2016 JZM:

| **Spejjeż li l-appellant qal li għamel qabel iż-żwieġ:** | Pretensjoni appellant Lm | € | Invoice Lm | Stima tal-Perit Cassar[13] € |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Żebgħa tal-ħitan | 100 | 232.98 | | |
| Xogħol ta' aluminju li hemm fid-dar | 1,300 | 3,028.19 | 700[14] | 2,860 |
| Ċeramika tal-art | 1,700 | 3,959.93 | | 5,923.0 |
| Materjal inkluż torba | 100 | 232.98 | | 1,970 |
| Skirting tad-dar kollha | 200 | 465.87 | | 725.1 |
| Sollijiet tat-twieqi | 100 | 232.98 | | 446.8 |
| Pajpijiet ta' fuq il-bejt | 70 | 163.06 | | |
| Tank tal-ilma | 50 | 116.47 | | |
| Dawl u Ilma | 400[15] | 931.75 | | |
| Bieb tal-garaxx | 370 | 861.87 | 250[16] | 700[17] |
| Madum tal-garaxx | | | | |
| Bibien ħnejjiet u turġien | 1,000 | 2,329.37 | | |
| Washing machine | 85 | 198 | | |

[12] Fol. 332 – 333.
[13] Għall finijiet tal-mandat ta' inibizzjoni numru 291/2007 JZM fl-ismijiet *Jason Calleja vs Carmela sive Charmaine Calleja.*
[14] Fol. 292 – invoice maħruġa wara ż-żwieġ fuq isem iż-żewġ partijiet.
[15] L-appellata ssostni li s-somma ta' Lm500 tħallset minnha lil '*ċertu Joe mill-ħanut taż-żebgħa',* ara fol. 243.
[16] Fol. 325. Pero` l-irċevuta ħarġet f'isem l-appellata biss. A fol.324 tinsab irċevuta oħra ta' Lm170 iżda datata 11/09/2006, ossija wara ż-żwieġ. Fuqha hemm miktub l-isem 'Anthony', missier l-appellata. Spejjeż li saru sabiex inbidel il-garaxx wara ħsara li għamel l-appellant fih.
[17] Jinftiehem li dan l-ammont jirrapreżenta l-bieb tal-garaxx preżenti.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Spare bedroom | 1,400 | 3,261.12 | 1,200[18] | 4,800 |

| **Spejjeż li l-appellant qal li għamel wara ż-żwieġ:** | Lm | € | Invoice relattiva | Stima tal-Perit Cassar € |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Kamra tal-banju sħiħa | 1,800 | 4,192.87 | 2169[19] | 3,189.4 |
| Kċina kamra tal-ikel u appliances | 3,000[20] | 6,988.12 | 2650[21] | 10,7869 |
| Blinds tad-dar kollha | | | | 895.1 |
| Purtieri tad-dar kollha | 400 | 931.75 | | |
| Airconditioner tal-main bedroom | 400 | 931.75 | | |
| 2 dvd players | | | | 470 |
| 2 televisions | | | | |
| Gwardarobbi | | | | |
| Żewġ settijiet tat-telephone | | | | |

| **Qabel u Wara ż-żwieġ:** | Lm | € | Stima tal-Perit Cassar € |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Ħlas ta' dejn sabiex jitranġa s-saqaf | 2,500[22] | 5,823.43 | 2,134.8 |

28. Missier l-appellata xehed[23] illi fid-19 ta' Mejju 1998 huwa ta b'donazzjoni lil bintu arja u bena d-dar tagħha. Igħid li ġab il-permess

[18] Invoice fuq l-appellata – fol. 293.
[19] L-irċevuti fiskali jammontaw għal Lm890 għalkemm a fol. 294 sa 312 ġew preżentati diversi invoices. L-irċevuti fiskali tal-madum fis-somma ta' Lm880 jirrisalu għal qabel iż-żwieġ u maħruġa fuq iż-żewġ partijiet. Invoice waħda biss ta' Lm10 tinsab fuq l-appellata biss u din fil-fatt iġġib id-data tal-1998.
[20] Mislufa mill-ġenituri tal-appellant li minnhom Lm2,400 għadhom ma tħallsux.
[21] Fol. 313 – Invoice fuq iż-żewġ partijiet.
[22] Skont l-appellata din is-somma ġiet mislufa lilha mir-raġel ta' oħtha u tathomlu lura għaliex kienet taħdem, ara fol. 244.
[23] Fol. 266.

biex jinbena fuq ismu u wara bnieh u saqqfu huwa stess. Għamel ukoll ix-xogħol ta' kisi u għadda l-pajpijiet tad-dawl, tal-ilma u tal-*conduit.*[24] Igħid li l-kamra tal-banju għamilha hu bil-madum b'kollox u wkoll il-madum tal-garaxx poġġih hu. Isostni li l-madum tal-art tħallas minn bintu u poġġih hu u li waħħal ukoll il-madum tal-ħajt tal-kċina. Is-sollijiet tat-twieqi kien għamilhomlu ħabib tiegħu b'xejn u qatagħlu wkoll l-iskirting mill-madum. Igħid li għamel il-kontrabejt, it-tank ta' fuq il-bejt, l-arkipjan u diversi ħnejjiet (bl-għajnuna ta' Joseph Scicluna bi tpartit ma' xogħol ieħor). Dan ikkonfermah Joseph Scicluna stess.[25] Missier l-appellata xehed ukoll li l-aluminium ħallsitu bintu u li l-*fridge* u l-*freezer* kien tahomlha hu. Żied li bintu ħallset il-bieb tal-garaxx fil-valur ta' Lm250 iżda wara li saq fuqu l-appellant kellu jinbidel u għamel wieħed taż-żingu għall-valur ta' Lm170. Kompla li kellu jħallas Lm500 parti minnhom kont tad-dawl għaliex l-appellant ma kienx qiegħed jagħti flus lill-appellata.

29. Din il-Qorti kienet tistenna li l-ewwel Qorti tagħti iktar attenzjoni għal din il-kwistjoni, iktar u iktar meta tikkunsidra wħud mir-riċevuti li l-appellata ippreżentat hi stess. Fejn jidħol apprezzament tal-provi l-ewwel Qorti għandha tiżgura li tikkunsidra l-provi kollha li jkollha quddiemha u mhux kif ġara f'dan il-każ, taqta' fil-qasir. Saħansitra hemm xogħlijiet li

[24] Jinftiehem li kien għadda biss il-pajpijiet sabiex isir id-dawl pero` il-*wiring* ma kienx sar tant illi xehed li fil-bidu li żżewġet bintu kien sellifhom id-dawl hu.
[25] Fol. 259.

saru fiż-żwieġ u għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti għandha kreditu kontra l-appellata. Nuqqasijiet ta' din ix-xorta jfissru aggravji f'appelli li bi ftit attenzjoni setgħu forsi ġew evitati, u sitwazzjoni fejn din il-Qorti jkollha tagħmel dak li suppost sar mill-ewwel Qorti meta l-provi jkunu ilhom jinġabru s-snin quddiem dik il-Qorti. Dan apparti li l-partijiet flimkien mal-avukati li jassistuhom għandhom jieħdu ħsieb li l-Qorti verament titqiegħed fil-pożizzjoni li tasal għall-konklużjoni billi jressqu l-aħjar provi.

30. Wara li qieset il-provi l-Qorti ser tilqa' dan l-aggravju parzjalment u takkorda lill-appellant is-somma ta' tmint elef ħames mija u ewro (€8,501) rappreżentanti s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Xogħol ta' aluminju fid-dar | € 815 | L-invoice relattiva a fol. 292 inħarġet f'isem iż-żewġ partijiet wara ż-żwieġ (fol. 292). |
| Dawl u Ilma | € 400 | Din is-somma qed tiġi akkordata b'mod approssimattiv għal nofs is-somma pretiża sabiex saru l-*electrical works* għalkemm l-appellata ma ppreżentatx riċevuta. |
| Spare bedroom | €1,397 | Għalkemm l-invoice datata 9 ta' Ġunju 2000 inħarġet f'isem l-appellata (fol. 293) qabel iż-żwieġ, il-Qorti ser takkorda lill-appellant nofs l-ammont. Evidenti li qabel iż-żwieġ il-partijiet kienu qegħdin jarmaw id-dar li kienet ser tkun id-dar matrimonjali, u x'aktarx li l-appellant ta sehmu. Il-qorti fehmet li l-kamra baqgħet fid-dar meta l-konjuġi sseparaw *de facto.* |
| Kamra tal-banju u xiri tiles | €3,423 | Ara dokumenti a fol. 294 sa 296 spejjeż li saru wara ż-żwieġ u jinkludu kamra tal-banju; 297 sa 300 u 301 sa 304 spejjeż li saru qabel iż-żwieġ pero` f'isem il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | partijiet; fol. 307 sa 309 fejn hemm riċevuti li nħarġu f'isem iż-żewġ partijiet; |
| Kċina | €466 | nofs l-ammont li tħallas lura lill-ġenituri tal-appellant peress li Mary Calleja xehdet li s-somma ta' Lm400 ġiet imħallsa lura miż-żewġ partijiet – fol. 28). Il-Qorti fehmet li l-kċina baqgħet fid-dar wara li l-partijiet infirdu *de facto*. |
| Ħlasijiet oħra | €2,000 | Somma li qed tiġi ffissata *arbitrio boni viri* rappreżentanti sehem l-appellant minn spejjeż oħra li setgħu saru fid-dar matrimonjali matul iż-żwieġ wara li l-Qorti qieset id-deskrizzjoni tax-xogħol li jissemma fir-rapport tal-Perit Cassar preżentat fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 304/2016/1 |

31. Deċiżjoni bażata fuq il-fatt li:

i. Għalkemm l-appellata qalet li l-ispejjeż relatati mad-dar għamlithom kollha hi, ma tatx spjegazzjoni għalfejn uħud mill-invoices u riċevuti li ppreżentat huma wkoll f'isem l-appellat.

ii. Hemm spejjeż li saru wara ż-żwieġ;

iii. L-appellata ma spjegatx xi flus seta' kellha mfaddlin biex għamlet l-ispejjeż kollha ta' *finishing* tad-dar;

iv. Fil-perjodu rilevanti kienet diġa` f'relazzjoni mal-appellant u l-appellata stess qalet li kienu ddeċidew flimkien li d-dar parafernali tagħha kellha tkun id-dar matrimonjali. Għalhekk

ukoll hu kredibbli li l-appellant ta kontribut għal xi spejjeż li saru fil-fond li kien għadu ġebel u saqaf;

v. Il-partijiet kienu marru għand nutar sabiex l-appellata ddawwar sehem il-fond fuq l-appellant. Hu minnu li ma sar xejn. Pero` il-Qorti ssibha diffiċli temmen li dan kien ser isir għaliex l-appellant hekk ried. X'aktarx li l-appellata kienet disposta li ddawwar sehem mill-fond għal fuq l-appellant għaliex l-appellant kien qiegħed jikkontribwixxi għal spejjeż li qegħdin isiru fil-fond.

32. L-appellant semma wkoll is-somma ta' Lm2,500 li qal li ħallas għal xogħol li sar fis-saqaf tal-post. Oħt l-appellant qalet li dan id-dejn tħallas mill-appellant qabel u wara ż-żwieġ. Pero` ma tatx dettajli dwar kif taf dawk il-fatti. Fatt konfermat fl-affidavit li ppreżenta fit-2 ta' Diċembru 2016. Pero` fl-ittri legali datati 8 ta' Awwissu 2006 u 20 ta' Marzu 2007 jingħad li d-dejn tħallas matul iż-żwieġ. M'hemmx prova lil min sar il-ħlas u m'hemmx riċevuti. M'huwiex kontestat li sar ix-xogħol (ara kontro-eżami tal-appellata). Pero` l-appellata qalet li kien ir-raġel ta' oħtha li sellifha l-flus u x-xogħol sar qabel kienet saret tafu u ħallset hi. Il-persuna li suppost sellfet il-flus lill-appellata ma xehditx. B'dawn il-verżjonijiet differenti u inċertezzi l-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tasal għal xi konklużjoni dwar din il-materja, u f'dan ir-rigward m'hemm xejn li jagħmel verżjoni

iktar kredibbli minn oħra. Għaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li l-appellant ma ressaqx provi biżżejjed f'dan ir-rigward.

33. Fir-rigward tal-kċina rriżulta mill-provi li l-kċina inxtrat fiż-żwieġ[26] bi flus li l-partijiet issellfu mingħand il-ġenituri tal-appellant. Fatt konfermat mill-appellata in kontro-eżami, li żiedet li l-bilanċ li għadu dovut hu ta' €6,056.37 (kontro-eżami seduta tal-25 ta' Ottubru 2013). Il-Qorti fehmet li meta l-partijiet isseparaw de facto l-kċina baqgħet fid-dar. Għalhekk il-Qorti ser tordna li fil-konfront tar-relazzjoni ta' bejniethom, l-appellata għandha tagħmel tajjeb għal dak id-dejn. Jekk l-appellant jiġi mġiegħel iħallas xi parti mis-somma fuq imsemmija, ikollha jedd ta' rivalsa fil-konfront tal-appellata.

34. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jikkontendi illi huwa jaqbel ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġew applikati kontra l-appellata s-sanzjonijiet kollha kkontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. L-aggravju tiegħu jikkonsisti fil-fatt illi '*stante li waħda minn dawn is-sanzjonijiet kontemplata f'dan l-artikolu huwa 48(1)(ċ), u ċioe li l-konvenuta għalhekk titlef: kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun*

[26] Il-kont datat 10 ta' Settembru 2003 f'isem il-partijiet għas-somma ta' Lm2650 (fol. 313).

*ħatja tal-firda...'* Skont l-appellant ladarba kellu żewġ impjiegi filwaqt li martu ħadmet biss għal ftit xhur:

> *"Segwe li ladarba l-Perit Tekniku vvaluta l-akkwisti li saru mill-partijiet waqt iż-żwieġ, u ċioe il-benefikati fuq il-proprjetà 23, Mon Amour, Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq fl-ammont ta' €17,786.30, dan ifisser li l-konvenuta tilfet id-dritt għal nofs dawk l-ispejjeż, bil-konsegwenza li l-attur għandu dritt għall-ammont sħiħ tal-ispejjeż li ntefqu fuq id-dar matrimonjali fiż-żwieġ.'*

35. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-ewwel grad fir-rigward tas-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati kontra l-appellata huma s-segwenti:

> *"Jingħad fl-ewwel lok, li r-rikorrent fit-tielet talba tiegħu, qed jikkwota l-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, minkejja li t-tielet talba tiegħu, mhijiex ibbażata fuq l-artikolu 56 iżda fuq l-artikoli 48 et sequens. Fil-fatt, l-intimata, fit-tielet eċċezzjoni tagħha, bħala risposta għat-tielet talba tar-rikorrent tiċċita b'mod korrett, l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *Illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili irid ta' bilfors jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi ...*
>
> *Illi kif diġà stabbilit, iż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba d-diverġenzi taż-żewġ kontendenti, li għamluha impossibbli biex ikomplu jgħixu l-ħajja konjugali tagħhom flimkien. Konsegwentement, irriżulta li l-partijiet ma setgħux ikampaw aktar flimkien. Fid-dawl ta' dan, is-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati fil-konfront taż-żewġ partijiet.*
>
> *Iżda fil-każ in eżami, ladarba ma saret l-ebda kontro-talba mill-intimata f'dan ir-rigward, din il-Qorti tista' biss tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u in segwitu qegħda tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-intimata.*
>
> *Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li l-intimata iddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand ir-rikorrent u wkoll li hija tilfet kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilha wara l-mewt tar-rikorrent."*

36. Minkejja li l-ewwel Qorti ddeċidiet li għandhom jiġu applikati *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-appellata, ma ġietx stabbilita data li minnha hija għandha tkun kunsidrata ħatja tal-firda. Hu fatt li l-appellata m'appellatx mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

37. Madankollu l-Qorti ma tqisx illi kien hemm xi episodju speċifiku li jorbot il-firda bejn il-partijiet ma' xi data partikolari. Fl-affidavit l-appellant qal li l-problemi ma' martu '*bdew sejrin mill-ħażin għall-agħar*' wara li sparixxiet is-somma ta' madwar Lm2,000 kontanti mill-kexxun tiegħu u wara li affrontaha dwarhom telqitu.[27] Fl-affidavit tas-17 ta' Jannar 2008, jgħid li dan l-episodju seħħ madwar sentejn qabel.

38. Il-Qorti żżid li l-appellant ma spjegax kif b'mod ċar l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili x'għandu x'jaqsam mal-ispejjeż li setgħu saru fid-dar matrimonjali, meta dik id-disposizzjoni tirreferi għall-akkwist li jkun saru l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ.

39. F'kull każ il-maġġoranza tal-irċevuti ppreżentati mill-partijiet għall-ispejjeż li saru fil-fond parafernali tal-appellata kollha saru qabel l-2006. L-unika pagamenti li saru fl-2006 kienu żewġ pagamenti ta' Lm35 u Lm70

[27] Fol. 22.

rispettivament akkont ta' xi fajjenza[28] u l-bieb tal-garaxx il-ġdid.[29] Fir-rigward ta' dawk tal-ewwel l-appellant ma ressaqx pretensjoni. Min-naħa l-oħra l-bieb tal-garaxx inbidel wara li r-rikorrent stess għamel ħsara volontarja fuq il-bieb oriġinali. Għalhekk, ukoll jekk it-tieni bieb tħallas minnu, dan kien sabiex jagħmel tajjeb għall-ħsara li għamel hu stess.

40. Wara li l-Qorti qrat l-atti tikkonkludi li m'hemmx biżżejjed provi li jwassluha sabiex tikkonkludi li s-sanzjoni għandha tiġi applikata f'xi żmien matul is-snin 2001 sa 2006, ċioe` meta kienu qegħdin isiru l-ispejjeż fid-dar parafernali tal-appellata. Dak hu l-perjodu rilevanti għall-finijiet tat-tielet aggravju tal-appellant li bih isostni li l-appellata tilfet il-jedd għal nofs l-ispejjeż li saru minn flusu fuq il-fond matrimonjali. Argument li japplika biss fir-rigward ta' spejjeż li setgħu saru matul iż-żwieġ u żgur mhux qabel, stante li jekk l-appellant għamel spejjeż qabel iż-żwieġ dak hu kreditu personali tiegħu fil-konfront tal-appellata u m'għandha l-ebda sehem minn dawk l-ispejjeż.

41. Tiċħad it-tielet aggravju.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi tiċħad l-ewwel u t-tielet aggravju filwaqt li fir-rigward tat-tieni aggravju tilqgħu sa fejn kompatibbli

[28] Fol. 320.
[29] Fol. 324.

ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Diċembru 2019 billi:

i. Tikkundanna lill-konvenuta appellata tħallas lill-attur appellant is-somma ta' tmint elef, ħames mija u ewro (€8,501) ħlas għal spejjeż li saru fil-fond parafernali tal-appellata kif spjegat hawn fuq.
ii. Tordna li l-konvenuta appellata għandha tagħmel tajjeb għad-dejn li għadu pendenti fir-rigward tal-kċina, b'dan li jekk il-kredituri jġiegħlu lill-attur iħallas xi parti minn dak id-dejn ikollu jedd jirkupra l-ħlas li jkun għamel mingħand l-appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal terz ($^{1}/_{3}$) a karigu tal-appellata u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) a karigu tal-appellant, b'dan li l-ispejjeż tal-appellata relatati man-notifika tar-rikors u avviż ta' smigħ tal-appell huma kollha a karigu tagħha.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr